# 120. Il-Metamorfosi tal-Peprin

***F'Jum it-Tifkira 11 ta' Novembru 1949***

Ommna m-Natura kienet miexja siekta
qalb il-għelieqi bgħid mill-belt mifruxa,
u sabet ruħha ġewwa maqbar wiesa'
mimli bis-slaleb u bil-kliem minquxa.

U qrat il-ġraja tal-eluf li mietu
u taw ħajjithom qalb in-nar tal-gwerra;
eluf ta' żgħażagħ sbieħ fil-fjur tal-ħajja
li llum ġisimhom taħt it-trab itherra.

Semgħet l-ilfiq tar-romol u l-iltiema,
tal-ommijiet li tilfu lill-ulied,
u rat lill-għomja jtektku t-triq bil-ħatar,
l-irġiel bla sieq jittalbu ġol-ibliet.

U s-sejf tad-diq knifed qalb in-Natura,
u demmha tebba' l-oqbra b'ħafna qtar,
u kull fejn waqgħet qatra demm minn qalbha
nibtet peprina ħamra daqs in-nar.

U ta' kull sena baqa' l-peprin jikber
qalb l-oqbra bajda fl-għalqa tal-mejtin;
u n-nies kull sena drat iżżur lill-oqbra,
u fuq sidirha twaħħal il-peprin.

Iżda biż-żmien in-nies insiet il-bidla
kif il-peprin nibet mid-diq tal-hemm,
u nsiet il-ġraja tal-għomjin u r-romol
u bidet mill-ġdid tgħajjat għall-ħarb u d-demm.